# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1008

## tal-25 ta' Ġunju 2015

## li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(2) F'konformità mal-Artikolu 26(3) tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, il-Kunsill irreveda l-lista ta' persuni u entitajiet indikati li tinsab fl-Anness II għal dik id-Deċiżjoni.

(3) Persuna waħda u tmien entitajiet għandhom jitneħħew mil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, imniżżlin fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(4) Barra minn hekk, l-entrati li jikkonċernaw sitt entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi, imniżżlin fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, għandhom jiġu emendati.

(5) Għaldaqstant id-Deċiżjoni 2010/413/PESK għandha tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS

([1]) ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.

*ANNESS*

1. L-entrati li jirrigwardaw il-persuni u l-entitajiet elenkati hawn taħt jitħassru mil-lista li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal- missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.

A. Persuni

5. Mahmood JANNATIAN

B. Entitajiet

160. CF Sharp and Company Private Limited

III. Islamic Republic of Iran Shipping Lines (IRISL)

B. Entitajiet

60. Bright-Nord GmbH und Co. KG

63. Cosy-East GmbH und Co. KG

86. Great-West GmbH und Co. KG

87. Happy-Süd GmbH und Co. KG

127. NHL Basic Ltd.

128. NHL Nordland GmbH

132. Prosper Basic GmbH

2. L-entrati li ġejjin jissostitwixxu l-entrati li jikkonċernaw l-entitajiet elenkati hawn taħt, li jinsabu fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal- missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.

B. Entitajiet

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 76. | Iran Marine Industrial Company (SADRA) | Sadra Building No. 3, Shafagh St., Poonak Khavari Blvd., Shahrak Ghods, P.O. Box 14669-56491, Tehran, Iran | Effettivament ikkontrollata minn Sepanir Oil & Gas Energy Engineering Company, indikata mill-UE bħala kumpannija tal-IRGC. Tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran permezz tal-involviment tagħha fis-settur tal-enerġija Iranjan inkluż fil-kamp tal-gass South Pars. | 23.5.2011 |
| 77. | Shahid Beheshti University | Daneshju Blvd., Yaman St., Chamran Blvd., P.O. Box 19839-63113, Tehran, Iran | Shahid Beheshti University hija entità pubblika li taqa' taħt is-superviżjoni tal-Ministeru għax-Xjenza, ir-Riċerka u t-Teknoloġija. Twettaq riċerka xjentifika fir-rigward tal-iżvilupp ta' armamenti nukleari. | 23.5.2011 |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 132. | Naftiran Intertrade Company (magħrufa bħala Naftiran Trade Company) (NICO) | 5th Floor, Petropars Building, No. 35 Farhang Boulevard, Snadat Abad Avenue, Tehran, Iran Tel. +98 21 22372486; +98 21 22374681; +98 21 22374678;Fax +98 21 22374678; +98 21 22372481 E-Mail: info@naftiran.com | Sussidjarja (100 %) tan-National Iranian Oil Company (NIOC) | 16.10.2012 |
| 154. | First Islamic Investment Bank | Fergħa: 19 A-31-3 A, Level 31 Business Suite, Wisma UOA, Jalan Pinang 50450, Kuala Lumpur; Kuala Lumpur; Wilayah Persekutuan; 50450 Tel. 603-21620361/2/3/4, +6087417049/417050, +622157948110<br>Fergħa: Unit 13 (C), Main Office Tower, Financial Park Labuan Complex, Jalan Merdeka, 87000 Federal Territory of Labuan, Malaysia; Labuan F.T; 87000<br>Relazzjonijiet mal-Investituri: Menara Prima 17 th floor Jalan Lingkar, Mega Kuningan Blok 6.2 Jakarta 12950 — Indonesia; South Jakarta; Jakarta; 12950 | First Islamic Investment Bank (FIIB) qed jagħti appoġġ finanzjarju u loġistiku lill-Gvern tal-Iran. FIIB ntuża minn Babak Zanjani biex jittrasferixxi ammont sinifikanti ta' ħlasijiet Iranjani relatati maż-żejt f'isem il-Gvern tal-Iran. | 22.12.2012 |
| 157. | HK Intertrade Company Ltd (HK Intertrade) | HK Intertrade Company, 21st Floor, Tai Yau Building, 181 Johnston Road, Wanchai, Hong Kong | HK Intertrade hija kompletament proprjetà ta' u kkontrollata minn National Iranian Oil Company, entità indikata u proprjetà tal-Istat li tipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran. Barra minn hekk, HK Intertrade ipprovdiet appoġġ loġistiku u finanzjarju lill-Gvern tal-Iran billi iffaċilitat it-trasferiment ta' flus relatat maż-żejt f'isem il-Gvern tal-Iran. | 22.12.2012 |
| 158. | Petro Suisse | Petro Suisse Avenue De la Tour- Halimand 6, 1009 Pully, l-Iżvizzera | Petro Suisse, kumpannija involuta fis-settur taż-żejt u tal-gass Iranjan, hija 100 % proprjetà tan-NIOC (National Iranian Oil Company) li hija entità indikata li tipprovdi appoġġ finanzjarju lill-Gvern tal-Iran. Petro Suisse hija wkoll assoċjata ma' Naftiran Intertrade Co (NICO) li hija indikata bħala sussidjarja (100 %) tan-National Iranian Oil Company (NIOC). | 22.12.2012 |